MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 283/2003

**Margherite Delicata**

**vs**

**(a) Mario Borg**
**(b) Carmen Borg ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti (a) ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm475.20) ta' tmien skadenzi ta' kera li jkopru l-perjodu ta' erba' snin mill-4 ta' Awissu 1999 sat-3 ta' Awissu 2003 fuq il-hanut numru 49 Gunlayer Street (Triq il-Miratur) Floriana; u
(b) prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti kisru klawsoli (e), (f) u (g) tal-iskrittura ta' lokazzjoni tal-4 ta' Frar, 1986, kopja Dok A, tiddikjara xolta l-istess lokazzjoni u tordna l-izgumbrament tal-konvenuti flimkien ma' hwejjighom fi

zmien qasir u perentorju mill-istess hanut 49 Gunlayer Street, Floriana.

Ghall-fini ta’ kompetenza gie dikjarat li l-valur a’ tenur tal-Artiklu 756 (1) tal-Kap 12 ma jaqbizx il-Lm5,000.

Bl-ispejjez u bl-imghax b’effett mit-28 ta’ Mejju, 2003, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa’ t-talba, b’dan illi s-sentenza m’ghandhiex tkun esegwibbli qabel l-1 ta’ Frar, 2004, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------